VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,637, 13 ta' Settembru, 2016
Taqsima B

A.L. 304 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ġunju 2016 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jkun offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbiltà akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni mis-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors għandu jkun miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fl-Inġinerija jew fix-Xjenza, jew f'xi qasam ta' studju ieħor li l-Bord iqis xieraq, miksub fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew bi klassifikazzjoni f'Kategorija II fl-għaxar snin ta' qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba biex juru kompetenza f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta permezz ta' intervista estiża u s-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni xierqa,
sakemm li, f'każijiet xierqa, il-Bord jista' jitlob lill-istudenti li daħlu għall-Kors biex isegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari li għalihom hemm assenjati massimu ta' 12-il krettu ECTS, flimkien mal-programm ta' studju msemmi f'ordinament 6 ta' dawn l-ordinamenti.

(3) L-applikanti li l-ewwel grad tagħhom kien miksub iktar minn għaxar snin qabel il-reġistrazzjoni għall-Kors jistgħu jitħallew jidħlu wkoll sakemm li jipproduċu evidenza biżżejjed tal-kompetenza tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 10 kretti ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 80 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux inqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandhom ikunu saru sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 45,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta ta' riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur tal-Istitut bħala *Chairman* jew id-delegat tiegħu, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, iżda meta d-Direttur tal-Istitut ikun is-superviżur, dan ma jistax imexxi l-Panil.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, skont kif jidhirlu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena biex jirrevedi dan il-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżuri tagħhom mill-inqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li dan hu meħtieġ.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju, is-superviżuri jkunu meħtieġa jissottomettu lill-Panil ta' Superviżjoni, rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu għall-approvazzjoni tal-Panil ta' superviżjoni jekk ikollhom bżonn jagħmlu xi modifika sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Il-Panil ta' Superviżjoni għandhom perjodikament jinformaw lill-Bord, bil-miktub, dwar il-livell ġenerali milħuq minn kull student. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet li jew (a) jiġi estiż il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Mark Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksub fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġetti għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.